Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ►M246 **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 881/2002**

tas-27 ta' Mejju 2002

li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida ◄

(ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-kummissjoni (KE) Nru 951/2002 tat-3 ta' Ġunju 2002	L 145	14	4.6.2002
►M2	Ir-Regolament tal-kummissjoni (KE) Nru 1580/2002 ta' l-4 ta' Settembru 2002	L 237	3	5.9.2002
►M3	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1644/2002 tat-13 ta' Settembru 2002	L 247	25	14.9.2002
►M4	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1754/2002 ta' l-1 ta' Ottubru 2002	L 264	23	2.10.2002
►M5	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) numru 1823/2002 tal-11 ta' Ottubru 2002	L 276	26	12.10.2002
►M6	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1893/2002 tat-23 ta' Ottubru 2002	L 286	19	24.10.2002
►M7	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1935/2002 tad-29 ta' Ottubru 2002	L 295	11	30.10.2002
►M8	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2083/2002 tat-22 ta' Novembru 2002	L 319	22	23.11.2002
►M9	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 145/2003 tat-27 ta' Jannar 2003	L 23	22	28.1.2003
►M10	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 215/2003 tat-3 ta' Frar 2003	L 28	41	4.2.2003
►M11	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 244/2003 tas-7 ta' Frar 2003	L 33	28	8.2.2003
►M12	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 342/2003 tal-21 ta' Frar 2003	L 49	13	22.2.2003
►M13	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 350/2003 tal-25 ta' Frar 2003	L 51	19	26.2.2003
►M14	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 370/2003 tas-27 ta' Frar 2003	L 53	33	28.2.2003
►M15	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 414/2003 tal-5 ta' Marzu 2003	L 62	24	6.3.2003
►M16	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 561/2003 tas-27 ta' Marzu 2003	L 82	1	29.3.2003

►**M17**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 742/2003 tat- 28 ta' April 2003	L 106	16	29.4.2003
►**M18**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 866/2003 tad-19 ta' Mejju 2003	L 124	19	20.5.2003
►**M19**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1012/2003 tat-12 ta' Ġunju 2003	L 146	50	13.6.2003
►**M20**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1184/2003 tat-2 ta' Lulju 2003	L 165	21	3.7.2003
►**M21**	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1456/2003 ta' l-14 t'Awissu 2003	L 206	27	15.8.2003
►**M22**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1607/2003 tat-12 ta' Settembru 2003	L 229	19	13.9.2003
►**M23**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1724/2003 tad-29 ta' Settembru 2003	L 247	18	30.9.2003
►**M24**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1991/2003 tat-12 ta' Novembru 2003	L 295	81	13.11.2003
►**M25**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2003 ta' l-20 ta' Novembru 2003	L 303	20	21.11.2003
►**M26**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2157/2003 ta' l-10 ta' Diċembru 2003	L 324	17	11.12.2003
►**M27**	Commission Regulation (EC) No 19/2004 of 7 January 2004 (*)	L 4	11	8.1.2004
►**M28**	Commission Regulation (EC) No 100/2004 of 21 January 2004 (*)	L 15	18	22.1.2004
►**M29**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) numru 180/2004 tat-30 ta' Jannar 2004	L 28	15	31.1.2004
►**M30**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 391/2004 tas-1 ta' Marzu 2004	L 64	36	2.3.2004
►**M31**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 524/2004 tas-19 ta' Marzu 2004	L 83	10	20.3.2004
►**M32**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 667/2004 tas-7 ta' April 2004	L 104	110	8.4.2004
►**M33**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2004 tas-6 ta’ Mejju 2004	L 338M	1	17.12.2008
►**M34**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 984/2004 tal-14 ta’ Mejju 2004	L 338M	29	17.12.2008
►**M35**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2004 tal-25 ta' Ġunju 2004	L 338M	36	17.12.2008
►**M36**	Commission Regulation (EC) No 1237/2004 of 5 July 2004 (*)	L 235	5	6.7.2004
►**M37**	Commission Regulation (EC) No 1277/2004 of 12 July 2004 (*)	L 241	12	13.7.2004
►**M38**	Commission Regulation (EC) No 1728/2004 of 1 October 2004 (*)	L 306	13	2.10.2004
►**M39**	Commission Regulation (EC) No 1840/2004 of 21 October 2004 (*)	L 322	5	23.10.2004
►**M40**	Commission Regulation (EC) No 2034/2004 of 26 November 2004 (*)	L 353	11	27.11.2004
►**M41**	Commission Regulation (EC) No 2145/2004 of 15 December 2004 (*)	L 370	6	17.12.2004
►**M42**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 14/2005 tal-5 ta’ Jannar 2005	L 348M	46	24.12.2008
►**M43**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 187/2005 tat-2 ta’ Frar 2005	L 348M	55	24.12.2008
►**M44**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 301/2005 tat-23 ta’ Frar 2005	L 348M	78	24.12.2008
►**M45**	Commission Regulation (EC) No 717/2005 of 11 May 2005 (*)	L 121	62	13.5.2005

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

►**M46**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 757/2005 tat-18 ta' Mejju 2005	L 348M	107	24.12.2008
►**M47**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 853/2005 tat-3 ta' Ġunju 2005	L 348M	110	24.12.2008
►**M48**	Commission Regulation (EC) No 1190/2005 of 20 July 2005 (*)	L 193	27	23.7.2005
►**M49**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1264/2005 tat-28 ta' Lulju 2005	L 348M	167	24.12.2008
►**M50**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1278/2005 tat-2 ta' Awwissu 2005	L 348M	170	24.12.2008
►**M51**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1347/2005 tas-16 ta' Awwissu 2005	L 348M	184	24.12.2008
►**M52**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1378/2005 tat-22 ta' Awwissu 2005	L 348M	268	24.12.2008
►**M53**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1551/2005 tat-22 ta' Settembru 2005	L 348M	271	24.12.2008
►**M54**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1629/2005 tal-5 ta' Ottubru 2005	L 348M	275	24.12.2008
►**M55**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1690/2005 tal-14 ta' Ottubru 2005	L 348M	283	24.12.2008
►**M56**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1797/2005 tat-28 ta' Ottubru 2005	L 348M	290	24.12.2008
►**M57**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1825/2005 tad-9 ta' Novembru 2005	L 348M	298	24.12.2008
►**M58**	Commission Regulation (EC) No 1956/2005 of 29 November 2005 (*)	L 314	14	30.11.2005
►**M59**	Commission Regulation (EC) No 2018/2005 of 9 December 2005 (*)	L 324	21	10.12.2005
►**M60**	Commission Regulation (EC) No 2100/2005 of 20 December 2005 (*)	L 335	34	21.12.2005
►**M61**	Commission Regulation (EC) No 76/2006 of 17 January 2006 (*)	L 12	7	18.1.2006
►**M62**	Commission Regulation (EC) No 142/2006 of 26 January 2006 (*)	L 23	55	27.1.2006
►**M63**	Commission Regulation (EC) No 246/2006 of 10 February 2006 (*)	L 40	13	11.2.2006
►**M64**	Commission Regulation (EC) No 357/2006 of 28 February 2006 (*)	L 59	35	1.3.2006
►**M65**	Commission Regulation (EC) No 674/2006 of 28 April 2006 (*)	L 116	58	29.4.2006
►**M66**	Commission Regulation (EC) No 1189/2006 of 3 August 2006 (*)	L 214	21	4.8.2006
►**M67**	Commission Regulation (EC) No 1210/2006 of 9 August 2006 (*)	L 219	14	10.8.2006
►**M68**	Commission Regulation (EC) No 1217/2006 of 10 August 2006 (*)	L 220	9	11.8.2006
►**M69**	Commission Regulation (EC) No 1228/2006 of 14 August 2006 (*)	L 222	6	15.8.2006
►**M70**	Commission Regulation (EC) No 1286/2006 of 29 August 2006 (*)	L 235	14	30.8.2006
►**M71**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1508/2006 tal-11 ta' Ottubru 2006	L 348M	726	24.12.2008
►**M72**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1685/2006 tal-14 ta' Novembru 2006	L 348M	903	24.12.2008

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

►**M73**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1823/2006 tat-12 ta' Diċembru 2006	L 348M	922	24.12.2008
►**M74**	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	629	31.12.2008
►**M75**	Commission Regulation (EC) No 14/2007 of 10 January 2007 (*)	L 6	6	11.1.2007
►**M76**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 492/2007 tat-3 ta' Mejju 2007	L 116	5	4.5.2007
►**M77**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 507/2007 tat-8 ta' Mejju 2007	L 119	27	9.5.2007
►**M78**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 553/2007 tat-22 Mejju 2007	L 131	16	23.5.2007
►**M79**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 639/2007 tat-8 ta' Ġunju 2007	L 148	5	9.6.2007
►**M80**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 732/2007 tas-26 ta' Ġunju 2007	L 166	13	28.6.2007
►**M81**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 760/2007 tad-29 ta' Ġunju 2007	L 172	50	30.6.2007
►**M82**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 844/2007 tas-17 ta' Lulju 2007	L 186	24	18.7.2007
►**M83**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2007 ta' l-20 ta' Lulju 2007	L 190	7	21.7.2007
►**M84**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 969/2007 tas-17 ta' Awwissu 2007	L 215	6	18.8.2007
►**M85**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 996/2007 tat-28 ta' Awwissu 2007	L 224	3	29.8.2007
►**M86**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1025/2007 tat-3 ta' Settembru 2007	L 231	4	4.9.2007
►**M87**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1104/2007 tal-25 ta' Settembru 2007	L 250	3	26.9.2007
►**M88**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1239/2007 tat-23 ta' Ottubru 2007	L 280	11	24.10.2007
►**M89**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2007 tal-31 ta' Ottubru 2007	L 287	12	1.11.2007
►**M90**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1389/2007 tas-26 ta' Novembru 2007	L 310	6	28.11.2007
►**M91**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 46/2008 tat-18 ta' Jannar 2008	L 16	11	19.1.2008
►**M92**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 59/2008 ta' l-24 ta' Jannar 2008	L 22	4	25.1.2008
►**M93**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 198/2008 tat-3 ta' Marzu 2008	L 59	10	4.3.2008
►**M94**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 220/2008 tal-11 ta' Marzu 2008	L 68	11	12.3.2008
►**M95**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 374/2008 ta' l-24 ta' April 2008	L 113	15	25.4.2008
►**M96**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 400/2008 tal-5 ta' Mejju 2008	L 118	14	6.5.2008
►**M97**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 580/2008 tat-18 ta' Ġunju 2008	L 161	25	20.6.2008
►**M98**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 678/2008 tas-16 ta' Lulju 2008	L 189	23	17.7.2008
►**M99**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 803/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008	L 214	52	9.8.2008
►**M100**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 974/2008 tat-2 ta' Ottubru 2008	L 265	10	4.10.2008

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

►**M101**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1109/2008 tas-6 ta' Novembru 2008	L 299	23	8.11.2008
►**M102**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1190/2008 tat-28 ta' Novembru 2008	L 322	25	2.12.2008
►**M103**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1314/2008 tad-19 ta' Diċembru 2008	L 344	64	20.12.2008
►**M104**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1330/2008 tat-22 ta' Diċembru 2008	L 345	60	23.12.2008
►**M105**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 184/2009 tas-6 ta' Marzu 2009	L 63	11	7.3.2009
►**M106**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 265/2009 tal-31 ta' Marzu 2009	L 89	6	1.4.2009
►**M107**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 344/2009 tal-24 ta' April 2009	L 105	3	25.4.2009
►**M108**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 490/2009 tal-10 ta' Ġunju 2009	L 148	12	11.6.2009
►**M109**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 574/2009 tat-30 ta' Ġunju 2009	L 172	7	2.7.2009
►**M110**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 601/2009 tad-9 ta' Lulju 2009	L 179	54	10.7.2009
►**M111**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 678/2009 tas-27 ta' Lulju 2009	L 196	8	28.7.2009
►**M112**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 732/2009 tal-10 ta' Awwissu 2009	L 208	3	12.8.2009
►**M113**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 774/2009 tal-25 ta' Awwissu 2009	L 223	24	26.8.2009
►**M114**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 937/2009 tas-7 ta' Ottubru 2009	L 264	7	8.10.2009
►**M115**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 954/2009 tat-13 ta' Ottubru 2009	L 269	20	14.10.2009
►**M116**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2009 tat-28 ta' Ottubru 2009	L 283	51	30.10.2009
►**M117**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1102/2009 tas-16 ta' Novembru 2009	L 303	39	18.11.2009
►**M118**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1220/2009 tal-14 ta' Diċembru 2009	L 328	66	15.12.2009
►**M119**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1286/2009 tat-22 ta' Diċembru 2009	L 346	42	23.12.2009
►**M120**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 70/2010 tal-25 ta' Jannar 2010	L 20	1	26.1.2010
►**M121**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2010 tal-5 ta' Frar 2010	L 36	9	9.2.2010
►**M122**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 207/2010 tal-10 ta' Marzu 2010	L 63	1	12.3.2010
►**M123**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 262/2010 tal-24 ta' Marzu 2010	L 80	40	26.3.2010
►**M124**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 290/2010 tas-6 ta' April 2010	L 87	29	7.4.2010
►**M125**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 318/2010 tas-16 ta' April 2010	L 97	10	17.4.2010
►**M126**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 366/2010 tat-28 ta' April 2010	L 107	12	29.4.2010
►**M127**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 372/2010 tat-30 ta' April 2010	L 110	22	1.5.2010
►**M128**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 417/2010 tat-12 ta' Mejju 2010	L 119	14	13.5.2010
►**M129**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 450/2010 tal-21 ta' Mejju 2010	L 127	8	26.5.2010

►**M130**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 507/2010 tal-11 ta' Ġunju 2010	L 149	5	15.6.2010
►**M131**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 586/2010 tat-2 ta' Lulju 2010	L 169	3	3.7.2010
►**M132**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 663/2010 tat-23 ta' Lulju 2010	L 193	6	24.7.2010
►**M133**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 681/2010 tad-29 ta' Lulju 2010	L 198	7	30.7.2010
►**M134**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 713/2010 tad-9 ta' Awwissu 2010	L 209	14	10.8.2010
►**M135**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) No 787/2010 tat-3 ta' Settembru 2010	L 234	11	4.9.2010
►**M136**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 835/2010 tat-22 ta' Settembru 2010	L 249	1	23.9.2010
►**M137**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 851/2010 tas-27 ta' Settembru 2010	L 253	46	28.9.2010
►**M138**	IR-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 906/2010 tal-11 ta' Ottubru 2010	L 268	21	12.10.2010
►**M139**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1001/2010 tal-5 ta' Novembru 2010	L 290	33	6.11.2010
►**M140**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1027/2010 tal-11 ta' Novembru 2010	L 296	13	13.11.2010
►**M141**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1138/2010 tas-7 ta' Diċembru 2010	L 322	4	8.12.2010
►**M142**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1139/2010 tas-7 ta' Diċembru 2010	L 322	6	8.12.2010
►**M143**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1204/2010 tas-16 ta' Diċembru 2010	L 333	45	17.12.2010
►**M144**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 36/2011 tat-18 ta' Jannar 2011	L 14	11	19.1.2011
►**M145**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 98/2011 tat-3 ta' Frar 2011	L 30	29	4.2.2011
►**M146**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 178/2011 tal-24 ta' Frar 2011	L 51	10	25.2.2011
►**M147**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 260/2011 tas-16 ta' Marzu 2011	L 70	33	17.3.2011
►**M148**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 317/2011 tal-31 ta' Marzu 2011	L 86	63	1.4.2011
►**M149**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2011 tat-18 ta' Mejju 2011	L 132	6	19.5.2011
►**M150**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-KummissjonI (UE) Nru 577/2011 tas-16 ta' Ġunju 2011	L 159	69	17.6.2011
►**M151**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 597/2011 tal-21 ta' Ġunju 2011	L 162	3	22.6.2011
►**M152**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 621/2011 tal-24 ta' Ġunju 2011	L 166	18	25.6.2011
►**M153**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2011 tat-30 ta' Ġunju 2011	L 173	1	1.7.2011
►**M154**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2011 tat-28 ta' Lulju 2011	L 198	1	30.7.2011
►**M155**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 754/2011 tal-1 ta' Awwissu 2011	L 199	23	2.8.2011
►**M156**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 796/2011 tat-8 ta' Awwissu 2011	L 205	1	10.8.2011
►**M157**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 853/2011 tal-24 ta' Awwissu 2011	L 219	3	25.8.2011

►**M158**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 876/2011 tal-1 ta' Settembru 2011	L 227	11	2.9.2011
►**M159**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 960/2011 tas-26 ta' Settembru 2011	L 252	8	28.9.2011
►**M160**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1024/2011 tal-14 ta' Ottubru 2011	L 270	24	15.10.2011
►**M161**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1081/2011 tal-25 ta' Ottubru 2011	L 280	17	27.10.2011
►**M162**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1285/2011 tat-8 ta' Diċembru 2011	L 328	34	10.12.2011
►**M163**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 15/2012 tal-10 ta' Jannar 2012	L 8	27	12.1.2012
►**M164**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 34/2012 tas-17 ta' Jannar 2012	L 15	1	18.1.2012
►**M165**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 97/2012 tas-6 ta' Frar 2012	L 35	4	8.2.2012
►**M166**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 177/2012 tal-1 ta' Marzu 2012	L 61	10	2.3.2012
►**M167**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 215/2012 tat-13 ta' Marzu 2012	L 74	4	14.3.2012
►**M168**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 253/2012 tat-22 ta' Marzu 2012	L 84	23	23.3.2012
►**M169**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 316/2012 tat-12 ta' April 2012	L 103	42	13.4.2012
►**M170**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 335/2012 tad-19 ta' April 2012	L 108	9	20.4.2012
►**M171**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 403/2012 tal-10 ta' Mejju 2012	L 124	32	11.5.2012
►**M172**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 415/2012 tal-15 ta' Mejju 2012	L 128	7	16.5.2012
►**M173**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 598/2012 tal-5 ta' Lulju 2012	L 176	59	6.7.2012
►**M174**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 619/2012 tal-10 ta' Lulju 2012	L 179	11	11.7.2012
►**M175**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 632/2012 tat-12 ta' Lulju 2012	L 182	31	13.7.2012
►**M176**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 706/2012 tal-1 ta' Awwissu 2012	L 206	7	2.8.2012
►**M177**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 718/2012 tas-7 ta' Awwissu 2012	L 211	1	8.8.2012
►**M178**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 803/2012 tas-7 ta' Settembru 2012	L 244	5	8.9.2012
►**M179**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 807/2012 tal-11 ta' Settembru 2012	L 246	1	12.9.2012
►**M180**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 921/2012 tat-8 ta' Ottubru 2012	L 274	20	9.10.2012
►**M181**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 933/2012 tal-11 ta' Ottubru 2012	L 278	11	12.10.2012
►**M182**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1002/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012	L 300	43	30.10.2012

►**M183**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1142/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012	L 332	12	4.12.2012
►**M184**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1155/2012 tal-5 ta' Diċembru 2012	L 335	40	7.12.2012
►**M185**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1187/2012 tal-11 ta' Diċembru 2012	L 338	23	12.12.2012
►**M186**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 60/2013 tat-23 ta' Jannar 2013	L 21	23	24.1.2013
►**M187**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 123/2013 tat-12 ta' Frar 2013	L 42	18	13.2.2013
►**M188**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 132/2013 tal-15 ta' Frar 2013	L 45	6	16.2.2013
►**M189**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 180/2013 tal-1 ta' Marzu 2013	L 59	1	2.3.2013
►**M190**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 242/2013 tat-18 ta' Marzu 2013	L 75	25	19.3.2013
►**M191**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 290/2013 tas-26 ta' Marzu 2013	L 87	2	27.3.2013
►**M192**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 309/2013 tat-3 ta' April 2013	L 94	4	4.4.2013
►**M193**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 439/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 129	34	14.5.2013
►**M194**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	1	10.6.2013
►**M195**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 596/2013 tal-24 ta' Ġunju 2013	L 172	1	25.6.2013
►**M196**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 632/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013	L 179	85	29.6.2013
►**M197**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 652/2013 tad-9 ta' Lulju 2013	L 189	4	10.7.2013
►**M198**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 682/2013 tas-17 ta' Lulju 2013	L 195	18	18.7.2013
►**M199**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 731/2013 tad-29 ta' Lulju 2013	L 203	10	30.7.2013
►**M200**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 754/2013 tal-5 ta' Awwissu 2013	L 210	24	6.8.2013
►**M201**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 831/2013 tad-29 ta' Awwissu 2013	L 233	1	31.8.2013
►**M202**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 852/2013 tat-3 ta' Settembru 2013	L 235	8	4.9.2013
►**M203**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 880/2013 tat-13 ta' Settembru 2013	L 245	7	14.9.2013
►**M204**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 895/2013 tat-18 ta' Settembru 2013	L 249	1	19.9.2013
►**M205**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 943/2013 tal-1 ta' Ottubru 2013	L 261	3	3.10.2013
►**M206**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2013 tad-9 ta' Ottubru 2013	L 268	7	10.10.2013

►**M207**	Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 996/2013 tas-17 ta’ Ottubru 2013	L 277	1	18.10.2013
►**M208**	Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1091/2013 tal-4 ta’ Novembru 2013	L 293	36	5.11.2013
►**M209**	Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1267/2013 tal-5 ta' Diċembru 2013	L 326	39	6.12.2013
►**M210**	Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1338/2013 tat-13 ta’ Diċembru 2013	L 335	23	14.12.2013
►**M211**	Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 16/2014 tad-9 ta’ Jannar 2014	L 8	11	11.1.2014
►**M212**	Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 21/2014 tal-10 ta’ Jannar 2014	L 8	22	11.1.2014
►**M213**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 329/2014 tal-31 ta' Marzu 2014	L 98	11	1.4.2014
►**M214**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 369/2014 tal-10 ta' April 2014	L 108	52	11.4.2014
►**M215**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 450/2014 tat-30 ta' April 2014	L 132	59	3.5.2014
►**M216**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 583/2014 tat-28 ta’ Mejju 2014	L 160	27	29.5.2014
►**M217**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 630/2014 tat-12 ta' Ġunju 2014	L 174	35	13.6.2014
►**M218**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 735/2014 tal-4 ta' Lulju 2014	L 198	1	5.7.2014
►**M219**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 914/2014 tal-21 ta' Awwissu 2014	L 248	7	22.8.2014
►**M220**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 930/2014 tat-28 ta' Awwissu 2014	L 258	4	29.8.2014
►**M221**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 934/2014 tal-1 ta' Settembru 2014	L 262	1	2.9.2014
►**M222**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1022/2014 tas-26 ta' Settembru 2014	L 283	40	27.9.2014
►**M223**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1058/2014 tat-8 ta' Ottubru 2014	L 293	12	9.10.2014
►**M224**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1193/2014 tal-4 ta' Novembru 2014	L 318	23	5.11.2014
►**M225**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2014 tat-28 ta' Novembru 2014	L 344	16	29.11.2014
►**M226**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/64 tas-16 ta' Jannar 2015	L 11	65	17.1.2015
►**M227**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/167 tat-3 ta' Frar 2015	L 28	40	4.2.2015
►**M228**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/274 tad-19 ta' Frar 2015	L 47	13	20.2.2015
►**M229**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/480 tal-20 ta' Marzu 2015	L 77	1	21.3.2015

►**M230**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/532 tat-30 ta' Marzu 2015	L 86	9	31.3.2015
►**M231**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/576 tal-10 ta' April 2015	L 96	7	11.4.2015
►**M232**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/617 tal-20 ta' April 2015	L 102	35	21.4.2015
►**M233**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/769 tat-12 ta' Mejju 2015	L 121	3	14.5.2015
►**M234**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/807 tat-22 ta' Mejju 2015	L 128	16	23.5.2015
►**M235**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1330 tal-31 ta' Lulju 2015	L 206	26	1.8.2015
►**M236**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1390 tat-13 ta' Awwissu 2015	L 215	6	14.8.2015
►**M237**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1473 tas-26 ta' Awwissu 2015	L 225	5	28.8.2015
►**M238**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1517 tal-11 ta' Settembru 2015	L 239	67	15.9.2015
►**M239**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1740 tad-29 ta' Settembru 2015	L 253	7	30.9.2015
►**M240**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1815 tat-8 ta' Ottubru 2015	L 264	6	9.10.2015
►**M241**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2245 tat-3 ta' Diċembru 2015	L 318	26	4.12.2015
►**M242**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/13 tas-6 ta' Jannar 2016	L 4	10	7.1.2016
►**M243**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/47 tat-18 ta' Jannar 2016	L 12	42	19.1.2016
►**M244**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/294 tal-1 ta' Marzu 2016	L 55	9	2.3.2016
►**M245**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/307 tat-3 ta' Marzu 2016	L 58	45	4.3.2016
►**M246**	Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/363 tal-14 ta' Marzu 2016	L 68	1	15.3.2016
►**M247**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/473 tal-31 ta' Marzu 2016	L 85	30	1.4.2016
►**M248**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/647 tal-25 ta' April 2016	L 109	23	26.4.2016

Emendat minn:

►**A1**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 1 (950/2004)
►**C2** Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 14 (984/2004)
►**C3** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 31 (14/2005)
►**C4** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 37 (187/2005)
►**C5** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 51 (301/2005)
►**C6** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 68 (757/2005)
►**C7** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 70 (853/2005)
►**C8** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 104 (1264/2005)
►**C9** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 106 (1278/2005)
►**C10** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 115 (1347/2005)
►**C11** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 183 (1378/2005)
►**C12** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 185 (1551/2005)
►**C13** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 187 (1629/2005)
►**C14** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 192 (1690/2005)
►**C15** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 196 (1797/2005)
►**C16** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 199 (1825/2005)
►**C17** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 448 (1508/2006)
►**C18** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 553 (1685/2006)
►**C19** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 565 (1823/2006)
►**C20** Emendi, Ġ.U. L 51, 2.3.2010, p. 26 (70/2010)
►**C21** Emendi, Ġ.U. L 51, 2.3.2010, p. 25 (110/2010)
►**C22** Emendi, Ġ.U. L 36, 10.2.2011, p. 12 (36/2011)
►**C23** Emendi, Ġ.U. L 347, 15.12.2012, p. 43 (1155/2012)

▼B

▼M246

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 881/2002

tas-27 ta' Mejju 2002

li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida

▼B

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikoli 60, 301 u 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK dwar miżuri restrittivi kontra Usama bin Laden, membri ta' l-organizzazzjonijiet Al-Qaida u t-Taliban u individwi, gruppi, impriżi u entitajiet oħra assoċjati magħhom u jħassar il-Pożizzjonijiet Komuni 96/746/PESK, 1999/727/PESK, 2001/154/PESK u 2001/771/PESK ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([3]);

Billi:

(1) Fis-16 ta' Jannar 2002, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni Nru. 1390(2002) li tiddetermina li t-Taliban falla milli jirrispondi għat-talbiet tiegħu magħmula f'numru ta' resoluzzjonijiet preċedenti u li tikkundanna lit-Taliban talli ħalla lill-Afganistan li tiġi użata bħala bażi għal taħriġ u attivitajiet ta' terroristi u li tikkundanna wkoll lin-*network* ta' Al-Qaida u gruppi ta' terroristi assoċjati oħra għall-azzjonijiet tagħhom ta' terroriżmu u l-qirda ta' proprjetà.

(2) Il-Kunsill tas-Sigurtà ddeċieda, fost affarijiet oħra, li l-projbizzjoni ta' titjiriet u ċerti restrizzjonijiet dwar l-esportazzjoni imposti fuq l-Afganistan b'referenza għar-Riżoluzzjoniet tiegħu Nru.1267(1999) u Nru.1333(2000) għandhom jiġu mħassra u li l-għan tal-friża ta' fondi u l-projbizzjoni ta' fondi li huma disponibbli, li kienu qed jiġu mposti b'referenza għal dawn ir-Riżoluzzjonijiet, għandhom jiġu aġġustati. Iddeċieda wkoll li għandha tiġi applikata l-projbizzjoni ta' provvediment ta' ċerti servizzi rilatati ma' attivitajiet miltari lit-Taliban u lill-organizzazzjoni Al-Qaida. Skond paragrafu 3 tar-Rizoluzzjoni Nru. 1390(2002), dawn il-miżuri se jiġu riveduti mill-Kunsill tas-Sigurtà 12-il xahar wara l-addozzjoni tar-riżoluzzjoni u fl-aħħar ta' dan il-perijodu l-Kunsill tas-Sigurtà jew se jħalli l-kontinwazzjoni ta' dawn il-miżuri jew jiddeċiedi li jtejjibhom.

([1]) ĠU L 139, tad-29.5.2002, p. 4.
([2]) Proposta mogħtija fis-6 ta' Marzu 2002 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Opinjoni mogħtija fil-11 t'April 2002 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

(3) F'dan ir-rigward, il-Kunsill tas-Sigurtà fakkar l-obbligazzjoni li jimplimenta għalkollox ir-Riżoluzzjoni tiegħu Nru.1373(2001) rigward kull membru ta' l-organizzazzjoni Taliban u Al-Qaida, imma wkoll rigward dawk li huma assoċjati magħhom u li pparteċipaw fil-finanzjament, fl-ippjanar, fil-faċilitazzjoni, fil-preparazzjoni u fir-reati ta' atti terroristiċi.

(4) Dawn il-miżuri jaqgħu taħt l-għan tat-Trattat u, għalhekk, notament bl-iskop li tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni, leġislazzjoni tal-Komunità hi neċessarja biex jiġu implimentati d-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà sa fejn hu kkonċernat it-territorju tal-Komunità. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, it-territorju tal-Komunità hu maħsub li jinkludi t-territorji ta' l-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat.

(5) Biex tinħoloq ċertezza legali massima fil-Komunità, l-ismijiet u informazzjoni oħra rilevanti rigward persuni naturali jew ġuridiċi, gruppi, jew entitajiet li l-fondi tagħhom għandhom jiġu ffriżati b'referenza għall-deskrizzjoni magħmula mill-awtoritajiet tan-NU, għandhom jintwerew pubblikament u għandha tiġi stabbilita proċedura fil-Komunità biex jiġu emendati dawn il-listi.

(6) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom, fejn hu neċessarju, jkollhom il-poter li jiżguraw konformità mad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(7) Ir-Riżoluzzjoni Nru. 1267(1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà ssemmi li l-Kumitat relevanti tas-Sanzjonijiet tan-NU jista' jawtorizza eżenzjonijiet mill-friża ta' fondi fuq bażi ta' raġunijiet umanitarju. Għalhekk, għandhom isiru miżuri biex jagħmlu dawn l-eżenzjonijiet applikabbli fil-Komunità kollha.

(8) Għal raġunijiet ta' espedjenza, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata li temenda l-Annessi ma' dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' notifikazzjoni rilevanti u informazzjoni mogħtija mill-Kunsill tas-Sigurtà, mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-NU u l-Istati Membri, kif xieraq.

(9) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinformaw lil xulxin dwar il-miżuri mittieħda skond dan ir-Regolament u dwar informazzjoni rilevanti oħra fil-pussess tagħhom li għandhom x'jaqsmu ma' dan ir-Regolament, u jikkoperaw mal-Kumitat rilevanti tas-Sanzjonijiet tan-NU, b'mod partikolari billi jipprovduh bl-informazzjoni.

(10) Stati Membri għandhom jistipolaw regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li jiġu implementati. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proprozjonati u dissważivi.

(11) Waqt li jiġi kkunsidrat li l-friża ta' fondi għandha tiġi aġġustata, hu neċessarju li jiġi żgurat li s-sanzjonijiet għall-ksur ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu imposti mill-ġurnata tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

▼B

(12) Minħabba l-miżuri imposti skond ir-Riżoluzzjoni Nru. 1390-(2002) hu neċessarju li jiġu aġġustati l-miżuri mposti fil-Komunità billi jitħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 ([1]) u jiġi adottat Regolament ġdid.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw d-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "fondi" tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ekonomiċi ta' kull tip, li jinkludu imma mhux limitati għal flus kontanti, ċekkijiet, kreditu monetarju, drafts, ordnijiet ta' flus u strumenti oħra ta' ħlas; depożiti ma' istituzzjoni finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fil-kontijiet, dejn u obbligazzjonijiet ta' dejn; il-kummerċ pubbliku u privat ta' sigurtajiet u strumenti ta' dejn, li jinkludu stokkijiet u ishma, ċertifikati li jippreżentaw sigurtajiet, bonds, noti, ċertifikati, obbligazzjonijiet, kuntratti derivattivi; interessi, dividends jew dħul ieħor jew valur li jakkumula minn jew ġenerat b'assi; kreditu, dritt ta' kumpens, garanziji, garanzija ta' esekuzzjoni jew obbligu finanzjarju ieħor; ittri ta' kreditu, polza ta' kargu, dokumenti ta' bejgħ ta' proprjetà; dokumenti li juru interessi f'fondi jew riżorsi finanzjarji, u kull strument ieħor ta' finanzjament għall-esportazzjoni;

2. "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kull tip, tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi imma li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, merkanzija jew servizzi;

▼M119

3. "friża ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' moviment, trasferiment, tibdil, użu ta', aċċess għal, jew operazzjoni relatata ma' fondi f'kull mod li jirriżulta f'tibdil fil-volum, ammont, lokalità, sjieda, pussess, natura, destinazzjoni jew tibdil ieħor li jħalli l-użu tal-fondi, li jinkludi amministrazzjoni ta' portafolli;

▼B

4. "friża ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni ta' l-użu tagħhom biex jinkisbu fondi, merkanzija jew servizzi f'kull mod, li jinkludu, imma mhux limitati għal, bejgħ, kiri jew ipoteki tagħhom;

▼M119

5. ►**M246** "Kumitat tas-Sanzjonijiet" tfisser il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1267 (1999) dwar l-ISIL (Da'esh) u l-Al-Qaida; ◄

([1]) ĠU L 67, tad-9.3.2001, p. 1.

▼M119

6. “Dikjarazzjoni ta’ raġunijiet” tfisser il-parti tad-dikjarazzjoni ta’ każ li tista’ tinħareġ għall-pubbliku kif previst mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u/jew, fejn applikabbli, is-sintesi tar-raġunijiet għall-elenkar kif previst mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;

▼M246

7. “Awtoritajiet kompetenti” tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif elenkat fl-Anness II.

▼M119

Artikolu 2

1. ►M246 Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, li huma l-proprjetà ta', li huma miżmuma jew ikkontrollati minn persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp elenkat fl-Anness I u l-Anness Ia, kemm jekk direttament jew indirettament, jew minn parti terza li taġixxi f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, għandhom jiġu ffriżati. ◄

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi m’għandhom ikunu mqegħdin għad-dispożizzjoni, direttament jew indirettament, jew għall-benefiċċju, ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet, korpi jew gruppi kif elenkati fl-Anness I.

▼M246

2a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 2 tinkludi, iżda mhijiex limitata għal, l-għoti ta' hosting fuq l-internet u servizzi relatati użati biex jiġu appoġġati l-ISIL (Da'esh), l-Al-Qaida u persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet, korpi jew gruppi kif elenkati fl-Anness I; il-ħlas tal-pagament ta' riskatt lilhom, irrespettivament minn kif jew minn min jitħallas ir-riskatt; u r-riżorsi pprovduti fir-rigward tal-ivvjaġġar ta' dawn il-persuni fiżiċi, inklużi l-ispejjeż imġarrba fir-rigward tat-trasport u tal-akkomodazzjoni tagħhom.

▼M119

3. L-Anness I għandu jikkonsisti f’persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet, korpi jew gruppi nominati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bħala ►M246 assoċjati mal-ISIL (Da' esh) jew mal-organizzazzjoni Al-Qaida ◄.

▼M195

3a. L-Anness Ia jikkonsisti minn persuna naturali preċedentement nominata mill-Kunsill tas-Sigurtà u preċedentement inkluża fl-Anness I, li fir rigward tagħha l-Kunsill tas-Sigurtà iddeċieda li għandhom jiġu applikati kondizzjonijiet speċifiċi meta jiġu rilaxxati fondi jew riżorsi ekonomiċi li jkunu ġew iffriżati wara n-nomina tal-persuna fl-Anness I.

▼M119

4. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 m’għandhiex twassal għal responsabbiltà ta’ ebda xorta fuq in-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet, il-korpi jew gruppi kkonċernati, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu ser jiksru ►M246 din il-projbizzjoni ◄.

▼M16

Artikolu 2a

▼M195

1. L-Artikolu 2 ma japplikax għal fondi jew riżorsi ekonomiċi meta:

(a) xi waħda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ►M246 ——————— ◄ tkun iddeterminat, fuq talba magħmula minn persuna naturali jew ġuridika kkonċernata, li dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi:

(i) huma neċessarji biex ikunu koperti spejjeż bażiċi, inkluż il-ħlas ta' oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u trattament mediku, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u imposti għas-servizzi pubbliċi;

(ii) huma maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' miżati professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż imġarrba b'konnessjoni mal-forniment ta' servizzi legali;

(iii) huma maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' miżati jew ta' imposti għas-servizzi biex jibqgħu jinżammu jew jiġu mmaniġġjati l-fondi ffriżati u r-riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(iv) huma neċessarji għal spejjeż straordinarji; jew

(v) kienu ffriżati wara l-inklużjoni, fl-Anness I, ta' persuna naturali kif elenkata fl-Anness Ia; u

(b) id-determinazzjoni msemmija fil-punt (a) tkun ġiet notifikata lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet; u

(i) fil-każ ta' determinazzjoni taħt punt (a)(i), (ii) jew (iii), il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma oġġezzjonax għad-determinazzjoni fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol min-notifikazzjoni;

(ii) fil-każ ta' determinazzjoni taħt il-punt (a)(iv), il-Kumitat tas-Sanzjonijiet approva d-determinazzjoni; jew

(iii) fil-każ ta' determinazzjoni taħt il-punt (a)(v), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru relevanti ►M246 ——————— ◄ tkun ipprovdiet assigurazzjonijiet lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ma jkunux ittrasferiti, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika, entità, korp jew grupp, kif elenkati fl-Anness I, jew inkella jintużaw għal finijiet ta' terroriżmu, skont ir-UNSCR 1373 (2001), u l-ebda membru tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma jkun oġġezzjona għad-determinazzjoni fi żmien 30 min-notifika.

▼M16

3. Il-fondi maħruġa u trasferiti ġol- ►M246 Unjoni ◄ stess sabiex jintlaħqu l-ispejjeż jew li huma rikonoxxuti bis-saħħa ta' dan l-Artikolu mhux se jkunu suġġetti għal iktar miżuri restrittivi skond l-Artikolu 2.

▼**M16**

4. L-Artikolu 2(2) m'għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

(a) interessi jew qliegħ ieħor dovuti fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) pagamenti dovuti taħt kuntratti, ftehim jew obbligazzjonijiet li feġġew qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru suġġetti għad-disposizzjonijiet tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurta' tal-UN li ġew implementati suċċessivament permezz tar-Regolament (KE) Nru 337/2000 ([1]), ir-Regolament (KE) Nru 467/2001 ([2]) jew dan ir-Regolament.

Bl-istess mod tal-kont li miegħu huma miżjudin, interessi għal dawn, qliegħ u pagamenti oħra għandhom ikunu wkoll iffriżati.

▼**M119**

Artikolu 2b

L-Artikolu 2(2) m'għandux jipprevjeni istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-Unjoni milli jikkreditaw kontijiet iffriżati fejn huma jirċievu fondi ttrasferiti fuq il-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp elenkat, bil-kondizzjoni li kwalunkwe żieda għal dawn il-kontijiet tkun iffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti dwar trans-azzjonijiet għal dawn mingħajr dewmien.

Artikolu 3

Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-Istati Membri fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika tagħhom, għandu jkun ipprojbit il-forniment, diret-tament jew indirettament, ta' pariri tekniċi, għajnuna jew taħriġ rilevanti għal attivitajiet militari, li jinkludu b'mod partikolari taħriġ u għajnuna relatata mall-manifattura, manutenzjoni u użu ta' armi u materjali relatat ta' kull tip, lil kull persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp imniżżel fl-Anness I.

▼**B**

Artikolu 4

1. Il-parteċipazzjoni, bil-ħsieb u bl-intenzjoni, f'attivitajiet, li l-oġġett jew l-effet tagħhom hu, direttament jew indirettament, li jiġi maħrub l-Artikolu 2 jew li jiġu nkoraġġuti l-operazzjonijiet msejħa fl-Artikolu 3, għandha tkun ipprojbita.

2. Kull informazzjoni li turi li d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma, jew kienu, maħruba għandha tkun notifikata lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u, direttament jew permezz ta' dawn l-awtoritajiet kompeteni, lill-Kummissjoni.

Artikolu 5

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar rappurtaġġ, riservatezza u sigriet professjonali u għad-disposizzjonijiet ►**M246** tal-Artikolu 337 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ◄, persuni naturali u ġuridiċi, entitajiet u korpi għandhom:

([1]) ĠU L 43, tas-16.2.2000, p. 1; Regolament kif ġie l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 467/2001.
([2]) ĠU L 67, tad-9.3.2001, p. 1; Regolament kif ġie l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 881/2002.

▼M246

(a) tiġi pprovduta minnufih kull informazzjoni li tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal informazzjoni dwar fondi u riżorsi ekonomiċi miżmumin jew ikkontrollati filwaqt li jsir f'isem, jew taħt id-direzzjoni ta', kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp elenkat fl-Anness I jew l-Anness Ia, jew dwar kontijiet u ammonti ffriżati skont l-Artikolu 2, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn ikunu residenti jew fejn jinsabu, u, b'mod dirett jew permezz ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti, lill-Kummissjoni.

B'mod partikolari tiġi provduta informazzjoni disponibbli rigward fondi jew riżorsi ekonomiċi fil-pussess ta' jew ikkontrollati minn persuni nominati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u elenkati fl-Anness I matul is-sitt xhur ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

▼B

(b) jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti ►M246 ———— ◄ għal kull verifikazzjoni ta' din l-informazzjoni.

2. Kull informazzjoni provduta jew irċevuta skond dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-iskopijiet għal liema ġiet ipprovduta jew irċevuta.

3. Kull informazzjoni addizzjonali direttament irċevuta mill-Kummissjoni għandha tkun disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati.

▼M119

Artikolu 6

L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li fondi jew riżorsi ekonomiċi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni, magħmul in bona fede fuq il-bażi li din l-azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, m'għandu jirriżulta fl-ebda tip ta' obbligu fuq il-persuna fiżika jew ġuridika jew entitajiet jew korpi li jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, kemm-il darba ma jkunx ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kienu ffriżati, jew ma kinux disponibbli, bħala riżultat ta' negliġenza.

▼B

Artikolu 7

▼M119

1. Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata biex:

(a) temenda l-Anness I ►M195 u Anness Ia ◄, fejn xieraq skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2), u

(b) temenda l-Anness II fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.

▼B

2. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Membri skond il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kummissjoni għandha żżomm il-kuntatti kollha neċessarji mal-Kumitat tas-Sanzjonijiet għall-iskop ta' implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

▼**M119**

Artikolu 7a

1. Fejn il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jiddeċiedi li jelenka persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp għall-ewwel darba, il-Kummissjoni għandha, hekk kif id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tkun ġiet ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, tieħu deċiżjoni biex tinkludi tali persuna, entità, korp jew grupp fl-Anness I.

2. Ladarba tittieħed id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkomunika mingħajr dewmien id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew wara l-pubblikazzjoni ta' avviż, biex tipprovdilu/ha l-opportunità li j/tesprimi ruħu/ha jew l-opinjonijiet tiegħu jew tagħha dwar il-kwistjoni.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-deċiżjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1 fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u wara li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2). Dawk l-osservazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultat tar-reviżjoni tagħha lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat. Ir-riżultat tar-reviżjoni għandu jintbagħat lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

4. Jekk issir talba ulterjuri, ibbażata fuq evidenza sostanzjali ġdida, biex persuna, entità, korp jew grupp jitneħħa mill-Anness I, il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni ulterjuri f'konformità mal-paragrafu 3 u wara li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2).

5. Fejn in-Nazzjonjiet Uniti jiddeċiedu li jħassru mil-lista persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp, jew li jemendaw id-data li tidentifika persuna, entità, korp jew grupp elenkat, il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness I kif meħtieġ.

▼**M246**

Artikolu 7b

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 11 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 ([1]).

▼**M119**

Artikolu 7c

1. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet, korpi u gruppi li ġew inklużi fl-Anness I qabel it-3 ta' Settembru 2008 u għadhom fil-lista, jistgħu jressqu talba lill-Kummissjoni għal dikjarazzjoni tar-raġunijiet. It-talba għandha tkun imressqa bil-miktub f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni.

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

▼**M119**

2. Hekk kif id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet mitluba tiġi ppprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tikkomunikaha lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat, biex tipprovdilu/ha l-opportunità li j/tesprimi ruħu/ha jew l-opinjonijiet tiegħu/tagħha dwar il-kwistjoni.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-deċiżjoni li tinkludi lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat fl-Anness I, fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u wara li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2). Dawk l-osservazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultat tar-reviżjoni tagħha lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat. Ir-riżultat tar-reviżjoni għandu jintbagħat lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

4. Jekk issir talba ulterjuri, ibbażata fuq evidenza sostanzjali ġdida, biex persuna, entità, korp jew grupp jitneħħa mill-Anness I, il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni ulterjuri f'konformità mal-paragrafu 3 u wara li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2).

Artikolu 7d

1. Il-Kummissjoni għandha tipproċessa d-data personali sabiex twettaq il-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]).

2. ►**M195** L-Anness I u l-Anness Ia għandhom jinkludu ◄, fejn disponibbli, informazzjoni dwar persuni fiżiċi elenkati li hija pprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u li hija meħtieġa għall-iskop ta' identifikazzjoni tal-persuni kkonċernati. Tali informazzjoni tista' tinkludi:

(a) kunjom u ismijiet mogħtija, inklużi pserwdonimi u titli, fejn hemm;

(b) id-data u l-post tat-twelid;

(ċ) in-nazzjonalità;

(d) in-numri tal-passaport u tal-Karta tal-Identità;

